# QORTI CIVILI - PRIM’AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 3 ta’ Dicembru 2020**

**Kawza Numru: 13**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 665/2020 JVC**

**Pierre Lia, Marcelle Lia Mangion, Chris Lia, Vincent Lia u Anna Maria Falzon**

**vs**

**Joseph Fava**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat bil-procedura tal-giljottina fejn ir-rikorrent Pierre Lia et kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

Illi l-atturi huma s-sidien tal-fond numru sitta u erbghin (46), fi Triq l-Inkurunazzjoni gia Triq il-Knisja, Zabbar.

Illi permezz ta’ kuntratt datat is-sebgha (7) ta’ Settembru tas-sena elfejn (2000) fl-Atti tan-Nutar Dr. Joe Cilia, il-missier defunt tal-

atturi, Victor Lia, kkonceda b'titolu ta' enfitewsi temporanja l-propjeta' hawn surriferita lil Grazio Grima **(Dok 'A')**;

Illi din il-koncessjoni enfitewtika temporanja saret ghal perjodu t'ghoxrin (20) b'effett mill-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elfejn (2000);

Illi l-fuq imsemmi Grazio Grima biegh, ittrasferixxa u assenja a favur Carmel Micallef is-subutile dominju temporanju relatat mas-surriferita koncessjoni enfitewtika temporanja **(Dok 'B')**;

Illi sussegwament l-konvenut Jospeh Fava accetta, xtara u akkwista dan it-tali subutile dominju temporanju milll-istess Carmel Micallef **(Dok 'C')**;

Illi skond sub-artikolu 3 t'artikolu 16 ta' Kapitolu 158 tal-Ligijiet ta' Malta l-konvenut m'ghandux dritt ikompli jokkupa l-fond b'titolu ta' kera *stante* li l-kuntratt ta' koncessjoni enfitewtika temporanja sar wara l-ewwel (1) ta' Gunju tas-sena elf disa' mija hamsa u disghin (1995);

Illi l-konvenut qieghed jiddeteni l-fond *de quo* minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi l-konvenut *nonstante* li gie interpellat, permezz ta' l-Ittra Ufficjali numru 1412/2020, sabiex jizgombra mill-istess fond huwa baqgha nadempjenti;

Illi, fil-umli fehma tar-rikorrent, l-intimat ma ghandu l-ebda eccezzjoni valida skond il-Ligi x'jissoleva f'din il-kawza;

Illi ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjest mil-Ligi a tenur tal-Artikolu 167 et seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) sabiex din il-kawza tinstema u tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Illi l-atturi jafu b'dawn il-fatti personalment.

Illi, ghalhekk, kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-atturi jitolbu bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1) Tisma' din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ghall-finijiet tal-Artikolu 167 et seq tal Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);

2) Tordna lill-konvenut Joseph Fava sabiex jizgumbra mill-fond numru sitta u erbghin (46), fi Triq l-Inkurunazzjoni gia Triq il-Knisja, Zabbar entro terminu qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qori u jikkonsenja c-cavetta ta' l-istess fond lill-atturi;

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq u opportun.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa illi tevidenzja illi l-proprjeta` in kwistjoni u cioe` dik bl-indirizz 46, Triq l-Inkurunazzjoni gia Triq il-Knisja, Zabbar hija appuntu proprjeta` tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat gie debitament notifikat;

Rat illi l-intimat attenda ghas-seduta tal-lum u pprezenta nota ta' ammissjoni li taqra' kif isegwi:

'Li biha qed jammetti t-talba kif dedotta fir-rikors promotur.'

U li permezz taghha allura ammetta t-talba dedotta fir-rikors promotorju;

Rat illi Dr Busuttil għan-nom ta' l-intimat talab żmien sabiex l-intimat jivvaka l-fond in kwistjoni;

L-Avukati tal-partijiet trattaw quddiem il-Qorti t-talba għaż-żmien.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant il-Qorti in vista ta' dak kollu suespost tqis illi t-talba tar-rikorrenti ġiet sufficjentament pruvata u ser tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-kawża kif isegwi;

1. Tilqa' l-ewwel talba kif dedotta;

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-konvenut Joseph Fava sabiex jiżgombra mill-fond numru 46, fi Triq l-Inkurunazzjoni ġia Triq il-Knisja, Żabbar entro l-ħmistax (15) ta' Jannar 2021 u jikkonsenja ċ-ċavetta ta' l-istess fond lill-atturi;

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat.

**Moqrija.**

**Onor. Imħallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**3 ta' Diċembru 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**
**3 ta' Diċembru 2020**